**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 16 ta' Diċembru 2021**

**Rikors Nru. 349/2021 GM**

**Dorotea sive Dorothy Darmanin (I.D. 972048M);**
**Francis Darmanin (I.D. 863649 M);**
**Isabelle Darmanin Godano (I.D. 997150M); u**
**Mary Rose Vella Haber (I.D. 332152M)**

**vs**

**Avukat tal-Istat; u**
**Antonia Connie sive Tanya Farrugia (I.D. 424083M)**

Din hija kawża li permezz tagħha r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara ksur tad-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta skont l-Art. 37 Kost. u Art.1, Prot.1 tal-Konv. Ewropea għad-Drittijiet Umani u kumpens, minħabba kera allegatament esigwu ta' dar tagħhom f'Ħaż-Żabbar b'konsegwenza tal-

applikazzjoni tal-Kap 69 kontrihom. B'rikors sussegwenti, talbu korrezzjoni fil-premessi u t-talbiet b'mod li żiedu bħala liġi li kisritilhom l-imsemmi dritt fundamentali, il-Kap 125 li jirregola r-rekwiżizzjoni ta' fondi immobbli.

L-Avukat tal-Istat qiegħed jopponi għal din il-korrezzjoni għax skontu tmur lil hinn mill-korrezzjonijiet permessi mill-Art. 175(1) tal-Kap 12 għaliex tbiddel is-sustanza tal-azzjoni.

Jibda biex jingħad illi minkejja li l-kawżi dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem qegħdin isiru bil-għżuż, huma xorta waħda jibqgħu proċeduri speċjali, maħsubin biex jagħtu rimedji idoneji bl-ikbar ħeffa. Għalhekk "**jippermettu ċertu flessibilita` proċedurali li f'kawżi ordinarji ma niltaqgħux magħha**",[1] tant illi:

(1) Hemm formalitajiet mill-inqas u l-imħallef għandu diskrezzjoni wiesa', basta jiżgura li jitħarsu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, inkluż li jagħti kull opportunita` lill-intimat jiddefendi ruħu kontra t-tibdiliet li jsiru wara t-talbiet oriġinali tar-rikorrent.

(2) Il-Qorti mhix marbuta bil-provvedimenti kostituzzjonali li jiċċita l-applikant.[2]

(3) Tista' tagħti rimedju mhux mitlub mill-applikant.[3] Tant li skont Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni, il-Qorti "tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna". Fi kliem ieħor il-Qorti tista' saħansitra tipprovdi *ultra vires*.

[1] Kliem l-Onor. Imħallef Toni Abela, sedenti f'din il-Qorti, fi provvediment in re*: D. Peak Limited v Avukat tal-Istat* 26.04.2021.
[2] Edwin Bartolo v Acting Registrar of Courts 15.02.1991 Qorti Kostituzzjonali LXXV.i.84.
[3] Pulizija v C Ellul Sullivan 24.01.1991 Qorti Kostituzjonali LXXV.i.46

(4) Skont Reg. 7 ta' L.S. 12.09, id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 jgħoddu biss safejn kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' Reg. 3 ta' L.S. 12.09. Tabilħaqq, id-disposizzjonijiet tal-kodiċi ritwali huma liġi ġenerali; dawk ta' L.S. 12.09 huma liġi speċjali u partikolari għal proċeduri dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem u għalhekk tat-tieni jipprevalu fuq tal-ewwel skont il-prinċipju li *lex specialis derogat legi generali.*

(5) L-ilment isir permezz ta' rikors sempliċi li jkun fih b'mod konċiż il-fatti; id-dispożizzjonijiet ta' drittijiet fundamentali allegatament miksura (L.S. 12.09 Reg. 3(1)); u r-rimedju mitlub; iżda l-Qorti tista' tagħti rimedju ieħor (ibid. Reg. 3(2)). **Nuqqas t'osservazzjoni tar-regoli msemmija ma jkunx null u jista' jissewwa** (ibid. Reg. 3(5)). Minn dan isegwi li r-rekwiżiti essenzjali tar-rikors promotur huwa ferm inqas onerużi minn dak rikjest għar-Rikors Maħluf taħt Kap 12. Kull ma hu meħtieġ huma l-fatti allegati u t-talba, **u mhux ukoll ir-raġuni ġuridika tat-talba**. Huwa intuwittiv illi jekk titbiddel ir-raġuni tat-talba, jista' jkun li tkun qiegħdha tinbidel ukoll is-sustanza tal-azzjoni u dan jista' ma jkunx possibbli taħt l-Art. 175 Kap 12. Billi r-raġuni tat-talba mhix rikjesta, hemm inqas xkiel għal tibdil fir-rikors promotur. Barra minn hekk, dejjem skont l-imsemmi Reg. 3(5), anke l-fatti allegati jistgħu jiġu mibdula – ħaġa li wkoll tista' twassal għal bdil fis-sustanza tal-azzjoni, anke għaliex huwa mill-fatti li l-Qorti tislet liema hu d-dritt allegatament miksur; id-dritt javvera ruħu meta jseħħu fir-rejalta` ċerti fatti li l-liġi tikkontempla biss b'mod ipotetiku. Mibdulin il-fatti sostanzjali neċessarjament jinbidel id-dritt applikabbli.

Fil-każ preżenti, jekk il-Qorti tammetti l-bidliet fir-rikors promotur, il-fatti allegati sejrin jibqgħu l-istess: l-okkupazzjoni ta' post b'korrispettiv ferm baxx. It-talbiet baqgħu l-istess: ksur ta' jedd fundamentali tal-proprjeta' u rimedju appożitu. Kull ma qiegħed jinbidel huwa l-kwalifikazzjoni ġuridika tal-fatti:

minn kera għal korrispettiv taħt il-liġi tar-rekwiżizzjoni. Il-Qorti tinnota li l-fatt tar-rekwiżizzjoni huwa diġa` msemmi fir-rikors promotur.

Il-proċedura *ordinarja* tagħna jidher li toqrob iktar lejn il-liġi Ngliża li torbot lill-ġudikant iżomm strettament mar-regola tal-liġi li jkunu nvokaw il-partijiet, anke jekk il-Lord Justice of Appeal, il-Baruni Kenneth Diplock, esprima l-fehma li '*a cause of action is simply a factual situation the existence of which entitles one person to obtain from the court a remedy against another person*".[4] U Lord Justice Scrutton ikkummenta li l-Qorti *"(should) consider and deal with the legal result of the pleaded fact, though the particular legal result alleged is not stated in the pleadings*".[5]

Min-naħa l-oħra, il-proċeduri *"kostituzzjonali*" bħalma hija dik preżenti, joqorbu iktar lejn il-pożizzjoni tal-kodiċi ta' proċedura Franċiż attwali, kif imnebbaħ mill-ġurista eminenti Motulsky, li jikkunsidra l-kawżali, jew il-*cause de la demande* bħala "*un complexe de faits et refuse, par suite, d'inclure dans la notion, la qualification juridique de ces faits"*.[6] Skont Motulsky, ġaladarba l-fatti jkunu quddiem il-Qorti, il-Qorti tista' u għandha tislet kwalunkwe regola tal-liġi li jidhrilha li hija applikabbli, kemm jekk il-parti tkun straħet formalment fuqha kemm jekk le.

Għalhekk m'hemm xejn xi jżomm milli jsiru t-tibdiliet mitluba, anke jekk imorru lil hinn minn dak permess taħt l-Art. 175 tal-Kap 12, billi, kif ġja` ngħad, l-effetti ta' dan l-Artiklu saritilhom żabra b'saħħitha kemm mill-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll mir-Reg. 3(5) fuq imsemmi. Għalhekk ukoll fid-dawl tat-tibdiliet, ikun opportun li tissejjaħ fil-kawża l-Awtorita` tad-Djar.

---

[4] Lord Diplock in re: Letang v Cooper (1965).
[5] Lord Justice Scrutton in re: Lever Bros Ltd v Bell (1931).
[6] Motulsky, *Ecrits*, p. 103.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba għall-korrezzjoni kif dedotta fir-rikors ta' Dorotea sive Dorothy Darmanin kif ukoll it-talba biex tiġi kkjamata fil-kawża l-Awtorita` tad-Djar u tordna li jiġu rreġistrati t-tibdiliet opportuni fl-atti.

Kopja tar-rikors promotur kif mibdul għandu jiġi nnotifikat lill-intimat Avukat tal-Istat u lill-kjamat fil-kawża li jkollhom 20 jum min-notifika tiegħu biex jagħmlu l-eċċezzjonijiet tagħhom – fil-każ tal-Avukat tal-Istat eċċezzjonijiet ulterjuri.

Dan il-provvediment ġie moqri bil-miftuħ waqt l-udjenza tal-lum 16 ta' Diċembru 2021.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA